MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Numru 361/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**GERALD ELLUL**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gerald Ellul 34 sena bin Carmelo u Lilian nee' Mizzi, mwieled Attard fil-05/03/1970 u residenti 43, Triq l-Antika, Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita 127870M gie akkuzat:

Talli fis-6 ta' Gunju 2003 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'riziluzjoni wahda,

1. Bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih kien jista jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni, ai termini tal-artiklu 298A u 18 tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.
2. Kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, ai termini tal-artikli 298(b), u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Akkuzat ukoll talli qatta, kisser, waqqa, iddistrugga, ghamel hsara, nehha, baghbas jew ikkonettja ma' xi parti ta' apparat, *duct*, arblu *cabinet* fil, *cable* jew oggett jew haga li jkunu, li jaghmlu sehem minn, jew li jintuzaw jew iservu fin-network ta' *cable television* jew fit-thaddim tieghu jew ghall-ghoti tas-servizz ta' *cable television*, ai termini tal-artiklu 326(g) tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.
4. F'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet akkuzat ukoll talli ipprovda, installa jew uza xi installazzjoni jew apparat li ma kienx konformi ma dawk l-istandards teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taht l-Att li Jirregola t-Telekomunikazzjoni, jew li kien jaf, jew kellu raguni valida ghaliex jobsor, li jkun difettuzi jew inkompatiblli mas-servizzi li jkunu nbieghu, gew provduti, installati jew uzati ghalihom, ai termini tal-artiklu 39(1)(b) tal-kap. 399 tal-ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 18 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.
5. Kif ukoll f'isem ir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew, ai termini tal-artiklu 39(1)(d) tal-Kap. 399 tal-ligijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 18 tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija l-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 533 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li jkun hemm nomina ta' l-esperti.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali ippresentat bhala Dok AM3 u nnutat li l-imputat Gerald Ellul m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet sottomissjonijiet mill-partijiet.

Fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-Espert Martin Bajada fir-relazzjoni tieghu Dok MB presentata fid-29 ta' Marzu, 2005 u liema relazzjoni tinsab minn fol. 34 sa fol. 38 tal-Process.

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita tali konkluzjonijiet:
"5.1. Illi mill-ezami ta' dan il-*converter*, l-esponent wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:
5.1.1. Is-sigill ta' dan il-*converter* kien intatt, tant li dan is-sigill tkisser mill-esponent fis-26 ta' Lulju 2004.
5.1.2. Il-*converter* ma rrizultax li kellu xi *component* mizjud u/jew xi modifikazzjoni fuq il-*motherboard* u/jew xi parti ohra.
5.1.3. Li jekk kien qed isir xi abbuz mit-trasmizzjoni tal-*cable TV* kif provdut mill-Melita Cable plc, dan ma kienx tramite dan il-*converter*."

Taghmel ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni tax-xhud Simon Montanaro moghtija fis-Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Jiena *Network Operations Manager* mal-kumpanija *Melita Cable* u nghid jiena kont fuq dana x-xoghol ukoll f'Gunju tas-sena l-ohra. Nghid illi fis-6 ta' Gunju, 2003, kienet qieghda ssir manutenzjoni fl-inhawi tal-Birgu, kienu cempluli xi impjegati minn taghna u kienu qaluli illi kellhom suspett illi d-*decoder* taghna, liema *decoder* kien gewwa l-

Kazin tal-*Labour* fil-pjazza tal-Birgu, dawn kellhom suspett li dan id-*decoder* kien imbaghbas.
Jiena mort fuq il-post, staqsejt ghar-*remote control* lir-ragel tal-*bar*.  Nghid illi dina l-persuna li kienet gabitli r-*remote* m'huwiex l-imputat prezenti fl-Awla, pero' nghid li mbaghad jiena lill-imputat prezenti fl-Awla kont kellimtu. Nghid illi jiena bdejt niccekkja c-*channels* u indunajt illi l-*converter* jitla' izjed mic-*channels* taghna.  Nghid illi dana ma jistax jaghmlu sakemm ma tkunx giet imbaghbsa s-*security chip*." (Sottolinjar tal-Qorti)

Fid-dawl ta' dak dikjarat mill-istess xhud Simon Montanaro, hawn fuq riportat, u tenut kont il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-Espert Martin Bajada fir-relazzjoni tieghu Dok MB, liema konkluzjonijiet gew riportati aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ma gewx ippruvati b'mod sodisfacenti.  Difatti minn dak li jemergi mill-bran tad-deposizzjoni ta' Simon Montanaro hawn fuq riprodotta, skond dan ix-xhud jirrizulta li skond hu, biex isehh dak li hu nduna meta beda jiccekkja c-*channels,* is-*security chip* trid tkun giet imbaghbsa.  Talli tbaghbis tal-*converter* certament ma jirrizultax mill-konkluzjonijiet raggunti mill-Espert Martin Bajada (vide relazzjoni Dok MB).  Dan lanqas ma jirrizulta b'mod sodisfacenti mill-bqija tal-provi prodotti.  Il-fatt li skond dak li xehed Simon Montanaro fis-Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004 u cioe' illi beda jiccekkja c-*channels* u induna li l-*converter* jitla' aktar mic-*channels* taghhom, tali fatt ma giex sodisfacentement ippruvat mill-provi tal-Prosekuzzjoni li gie kkagunat mill-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex b'mod sodisfacenti tipprova l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tal-imputat Gerald Ellul u ghaldaqstant tillibera l-istess imputat Gerald Ellul mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

---------------------------------TMIEM---------------------------------